BORD LI JIRREGOLA L-KERA
Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.
CHAIRPERSON

Rikors Nru: 6/11MV

Robert Bezzina (K.I. 567078M)
Matilde Camilleri (K.I. 215571M)
Alison Pace (K.I. 86472M)
Stephen Bezzina (K.I. 402974M)
Mariano Debono ( K.I. 401774M)
Matilde Debono (K.I. 442179M)
Rodianne Bezzina (K.I. 101984M)
Graziella Bezzina (K.I. 561377M)
Danilo Bezzina (K.I. 456083M)
Patri Felicjan fis-seklu Carmel Bezzina (K.I. 445333M)

Vs

Joseph Theuma (K.I. 487828M)[1] u b' digriet tal-Bord tat-30 ta' Mejju 2012 giet kjamata in kawza Concetta Theuma[2].

Illum: 30 ta' Jannar 2024

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Robert Bezzin a (K.I. 567078M) et. ipprezentat fir-Registru ta' dawn il-Qrati nhar l-10 ta' Jannar 2011 fejn ipremettew u talbu is-segwenti:

[1] A folio 32 tal-process. L-intimat Joseph Theuma miet fil-mori tal-kawza, ossija fit- 3 ta' April 2015 u Concetta Theuma K.I. 297637M, Mary Concetta Aquilina K.I. 864354M, Emanuel Theuma K.I. 52456M, Martin Theuma K.I. 474357M, Lawrence Theuma K.I. 667658M, Rita Tabone K.I. 169761M, Paul Theuma K.I. 464965M u Carmelo sive Charles Theuma K.I. 451166M talbu li jidhlu parti fil-kawza stante li huma uzufruttwarji jew werrieta ta' l-intimat.

[2] Lawrence Theuma, Mary Concetta Aquilina, Emanuel Theuma, Martin Theuma, Rita Tabone, Paul Theuma u Carmelo sive Charles Theuma talbu biex jidhlu fiz-zarbu ta' ommhom Concetta Theuma li mietet fit-28 ta' Settembru 2018

Jesponu bir-rispett u bil-gurament tieghu Robert Bezzina jikkonferma:.[3]

1. Illi l-istanti ikkoncedew b'titolu ta' lokazzjoni lill-intimat, il-fond bl-isem "Blue Spot", fi Triq il-Batterija , Xghajra adebit bhala villegjatura, u dan versu l-kera ta' tliet mija u zewg euro u tnejn u tmenin centezmu (€302.82) fis-sena, jithallas bil-quddiem kull sena, l-ahhar skadenza ghalqet fit-3 ta' Mejju 2010;
2. Illi bis-sahha ta' emendi fil-ligi li tirregola l-kirjiet ta' fondi urbani, tali lokazzjoni ma ggedditx ope legis wara l-1 ta' Gunju 2010;
3. Illi minkejja li gie ghal diversi drabi interpellatsabiex jizgombr mill-fond indikat u jirritorna c-cwievet tal-istess fond, l-intimat baqa inadempjenti;
4. Illi minkejja li l-istanti ta' avviz lill-intimat permezz ta' ittra tal-10 ta' Awwissu 2010 sabiex jizgombra mill-fond, l-intimat ghazel li jibqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
5. Illi sa fejn jafu l-esponenti, l-intimat ma ghandux difiza x'jaghti kontra t-talba;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti, jogghoba, b'applikazzjoni tad-disposizzjojijiet tal-Art 16A tal-Kap 69 tordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond bl-isem "Blue Spot", fi Triq il-Batterija, Xghajra.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa hu ngunt in subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata ta' wiehed mir-rikorrenti u cioe' Robert Bezzina.[4]

Ra n-nota ta' Joseph Theuma a folio 7 u 8 tal-process

Ra ir-ripsosta ta' Joseph Theuma a fol 12 u 13 tal-process.

[3] A folio 1- 2 tal-process.

[4] Fol 2 tal-process.

Ra t-talba mill-intimati biex il-kawza bin-numru: 50/2017 JD fl-ismijiet inversi tigi konnesa ma' din il-kawza liema talba giet milqugha minn dan il-Bord.[5]

Ra l-atti kollha.

Sema' x-xhieda tal-partijiet.

Sema' it-trattazzjoni tal-avukat tar-rikorrenti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**
**Fatti fil-Qosor.**

Din il-vertenza tirrigwarda il-fond bl-isem 'Blue Spot'; fi Triq il-Batterija Xaghjra.[6] Ir-rikorrenti jishqu li dan il-fond kien mikri lill-intimat Joseph Theuma bhala villeggatura u ma kienx ghalhekk ir-residenza ordinarja tieghu. Huma jishqu li fil-fatt l-ircevuti tal-kera kienu johorgu li kien villeggatura. L-intimat Theuma minn-naha l-ohra jishaq li il-fond ma kien villeggatura xejn imma kien joqghod hemm flimkien mal-familjari tieghu.

Pemezz ta' din il-kawza ir-rikorrenti qed jitolbu li l-intimati Joseph u Concetta Theuma jigu zgumbrati mill-fond *de quo*.

Fil-mori ta' din il-kawza gie prezentata kawza mill-intimati kontra ir-rikorrenti bin-numru 50/2017 JD fejn qed tintalab dikjarazzjoni illi il-kliem, *'bhala post ghal villeggatura' u permutazzjonijiet ohrajn ekwivalenti, prezenti fl-ircevuta tal-kera rilaxxata lill-esponenti dwar il-kera tal-fond maghruf bl-isem 'Blue Spot' fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja fix-Xghajra, huma minghajr ebda effett u kwindi invalidi ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi'.* Ir-rikorrenti f' din il-kawza jichdu u jirresistu tali tibdil u jinsistu li

[5] A folio 195 u 202 tal-process.
[6] Ara rikors a A folio 32 fejn intalbet korrezzjoni biex l-isem tat-triq tal-fond tinbidel Triq il-Fortizza tal-Grazzja Xghajra.

l-fond *de quo* kien inkera bhala villeggatura u mhux bhala residenza ordinarja ta' Joseph Theuma.

**Provi**

**Joseph Debono** jiddikjara tramite l-affidavit data 27 ta' Gunju 2011 li li fond mertu ta' dawn il-proceduri kien jintuza bhala villeggatura minn Matilde Bezzina li kienet mizzewga lil sid il-fond. Din tigi omm il-mara tieghu u kienet tmur hemm ma' binha Patri Felicjan Bezzina kif ukoll ma' zewgha Nazzarenu Bezzina. Meta Matilde Bezzina kienet mietet, zewgha ma baqax imur hemm u wiehed minn uliedhom, ossija George Bezzina qabad u kera il-fond bhala villeggatura lil Joseph Theuma. Fil-fatt dan il-fond ma kienitx tintuza bhala residenzaq ordinarja tieghu. Fil-fatt Theuma kien u ghadu joqghod il-Fgura u fil-fatt dan l-anzjan li dak iz-zmien kellu 83 sena ma kienx ghadu jmur hemm, Ix-xhud jaf li fuq l-ircevuta kien hemm imnizzel 'villeggatura' pero' meta wara li miet George Bezzina fl-2003 u bdejt niehu hsieb jiena il-fond komplejt innizzel li dan il-fond kien villeggatura fuq l-ircevuta. Mis-sena 2006 l-intimat Joseph Theuma beda jiddeposita il-kera il-Qorti u ibejn dan tal-ahhar kien avvicina uhud minn ulied Nazzarenu Bezina biex dan il-fond jinbiegh lilu, izda dawn irrifjutaw anki ghal fatt li l-fond mhuiex taghhom.

Wara li nbidlet il-ligi tal-kera, is-sidien baghtu ittra lill-intimat u infurmawh li ma kienux ser jgeddu il-kera u talbuh biex jirritorna ic-cwievet. Wara kienet intbaghatet ukoll ittra ufficjali, izda l-intimata baqa' hemm. B' hekk is-sidien fethu din il-kawza.[7]

**Luciano Bezzina** xehed permezz ta' affidavit data 27 ta' Gunju 2011 fejn hu qal li huwa iben il-mejtin Nazzarenu u Matilde konjugi Bezzina li kienu sidien tal-fond mertu ta' dawn il-proceduri. Fil-fatt il-fond kien aktar jintuza minn ommu u huh Patri Felicjan Bezzina. Meta ommu mietet dan il-fond ghamel xi sena maghluq u wara huh George Bezzina kien qabad u kera dan il-fond lill-intima bhala villeggatura. Fil-fatt l-intimat kien jghix il-Fgura. L-ircevuta kienet issir minn George Bezzina u wara li

[7] A folio 15 tal-process.

dan miet meta johrogha ir-ragel ta' ohtu Joseph Deboni ghan-nom tas-sidien. L-ircevuti kienu qed johorgu bhala villeggatura u f' dawn l-ahhar snin Theuma kien qed jiddeposita il-kera il-Qorti. Ikkonferma li iben l-intimat avvicina xi uhud mill-werrieta biex ibieghlu il-fond pero' huma ma riedux. Ikkonferma li wara li inbidlet il-ligi huma bdew il-proceduri biex hu johrog mill-fond pero' peres li baqa' hemm kellhom jifthu din il-kawza.[8]

Xehed **Michael Buttigieg** in rapprezentanza tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2012. Jighid li skond l-Arms il-post 'Blue Spot' Triq il-Batterija x-Xghajra ma jesistix izda skond ir-records taghhom hemm fond ' Blue Spot' 107 Triq il-Fortizza tal-Grazzja Xghajra Zabbar li huwa registrat fuq certa Lawrence Theuma K.I. 0667658M. Jghid li hemm konsum regolari u il-meter jinqara dejjem. Kien hemm kreditu ta' hdax -il Ewro favur il-konsumatur.[9]

Xehdet **Emerziana Agius** waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2012 in rapprezentanza tal-Ufficcju Elettorali fejn qalet li Triq il-Batterija Xghajra Zabbar ma tesistix u ma kellix informazzjoni bizzejjed biex tghid fejn joqghod Joseph Theuma peres li hawn diversi nies b' dan l-isem.[10]

Xehed **David Muscat** waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012 in rapprezentanza tal-Ufficcju Elettorali u qal li minn ricerki li ghamel jirrizultalu li Joseph u Concetta Theuma jirrisjedu fl-indirizz 194 Triq Hompesch Fgura. Huma ilhom joqghodu f' dan l-indirizz mill- 21 ta' Marzu 1996.[11]

Xehdet **Audrey Ellul** waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 fejn qalet li ma hemm hadd fix-Xaghjra bl-isem ta' Joseph Theuma registrat maghhom. Ikkonfermat li Lawrence Theuma hu registrat fuq 107, Bluespot, Triq il-Fortiza tal-Grazzja, Xaghjra.

---

[8] A folio 16 tal-process.
[9] A folio 19 tal-process.
[10] A folio 28 tal-process.
[11] A folio 47 tal-process.

Xehed l-intimat **Joseph Theuma** waqt is-seduta quddiem l-assistant gudizzjarju Dr. Alexia J. Farrugia Zrinzo fejn spjega li hu kien ta elf u mitejn Lira Maltija li, certu George Bezzina xi 1977 biex jixtri il-fond pero' wara li ghamlu il-konvenju ghand in-Nutar George Cassar, Zaren li jigi missieru qallu li ma setghax ibieghu ghax il-fond kien ser juzah ibnu il-patri biex jistudja. IL-mara ta' Zaren kienet mietet diga' u b' hekk il-biegh ma sarx. Kien assikurah Zaren li hadd ma kien ser ikeccieh.[12] L-ewwel ircevuta tat- tnejn (2) ta' Mejju 1977 kien kitibha l-istess Nutar Cassar. L-ircevuti l-ohrajn kienet tiktibhom il-mara ta' George Cassar u dan kien sa l-1991. Wara kien imur it-tifel ta' Lawrence ihallas. Muri ktieb tal-kera seduta stante jghid li qatt ma rah qabel.

In kontro-ezami, mistoqsi jekk hadux bil-kera il-fond itenni li huma ghamlu konvenju u meta ghall-kuntratt qallu li ma setghax kif spjega aktar qabel. Jispjega li ghandu guvni b' dizabilita' li ghandu ,l fuq minn hamsin (50) sena u gieli jmur hemm kif ukoll li hu stess kien jinzel jorqghod go fih. Isostni li hu baqa jhallas il-kera u li wara kien ihallasha it-tifel tieghu a nom tieghu. Jghid li l-ircevuti murija waqt is-seduti huma foloz u li il-ktieb qatt ma rah qabel. Jishaq li hu qatt ma kera il-fond bhala villeggatura. Jghid li hu ma ghandux problemi mat-tfal u ma tantx jaf skola, kemm jiddobba. Jikkonferma li hu kien imur hemm ghal ftit u gieli raqad hemm pero' ir-residenza tieghu hija 194 Hompesch Street Fgura.[13] Jghid li ilu ma jmur hemm xi sena u ilu ma jorqghod hemm xi sena. Ikompli jispjega li hua kien sensara pero' illum il-gurnata ma tantx johrog mentri qabel kien. It-tiswijiet kienu isiru u fil-bidu anke drenagg, WC u il-casing tal-wirers saru. Jikkonferma li fih hemm it-tifel tieghu Lawrence (Lorry) jghix kif ukoll it-tifel Leli dizabbli jghix hemm ukoll. Skond hu Lorry jghix bil-familja pero' ma jaghmilx ghassa u allura ma jafx min ikun hemm. Jghid li hemm xi tmin minn-nies jghixu hemm. Il-post fih tlett kmamar u hu jmur ma' martu meta jkollhom bzonn.

[12] A folio 72 tal-process.
[13] A folio 74 tal-process.

Xehed **Savio Borg** waqt is-seduta tal- 10 ta' Novembru 2014 in rapprezentanza tal-ufficju elettorali.[14] Jiddikjara li Lawrence Theuma K.I. 667658M kien registrat bhala residenti fir-registru eletttorali f' Ottubru 1980 fir-residenza 45, Hompesch Street Fgura u baqa' hekk registrat sa Ottubru 1987. Minn April 1988 kien registrat fl-indirizz Blue Spot, Triq il-Fortizza tal-Grazzja Xghajra u baqa hekk registrat sa April 2005. Wara sar door numbering u hu ghadu registrat hemm sad-data tax-xhieda.

Xehed **Dale Theuma Whitelaw** waqt is-seduta tat- 8 ta' Jannar 2015 li iddikjara li jigi iben Lawrence Theuma u in-neputi ta' Giuseppi Theuma u Concetta Theuma fejn jiddikjara li dejjem kien joqghod fil-fond mertu ta' dawn il-proceduri u li dan il-fond qatt ma intuza bhala villeggatura. Jghid li Dale Bonnici hu huwa stress qabel ma gie rikonnoxxut minn missieru. Jispjega li ommu kunjomha Whitelaw u zied Theuma kunjom missieru.[15] Jghid li nannuh u nantu ghamlu perjodu joqghodu maghhom u ghamlu zmien joqghodu il-Fgura u jaghmlu perjodu ta' xi gimgha ix-Xghajra. Jaf li il-fond huwa mikri lin-nannu u lin-nanna. Jippreciza li fil-fond jghixu hu, huh, missieru u gieli ommu. Zijuh Leli li hu afflitt b' dizabilita' ma jghix maghhom pero' jigi u jitlaq.[16]

Xehed **Eliciano Theuma Whitelaw** u jikkonferma li huwa dehjjem ghix fil-fond mertu tal-kawzaJghid li huwa jghix fil-fond ma' missiereu, huh, u zewg hutu zghar ohra Orian u Olanda. Ommu ma tghix maghhom u dan ma jafx ghal xhiex.[17] Nantu u nannuh jigiu ghal skop ta' villeggatura u dawn jigu xi tlett gimghat fis-sajf jew fix-xitwa pero' kienu ilhom ma jigu xi ftit. Dawn ghandhom sodda taht it-tarag. Jghid li zijuhom Leli gieli raqad hemm pero' ommu ma tghix fil-fond u lanqas biss tigi tarahom hemm.[18]

[14] A folio 98 tal-process.
[15] A folio 124 tal-process.
[16] A folio 125 tal-process.
[17] A folio 126 tal-process.
[18] A folio 127 tal-process.

Xehed **ir-Reverendu Patri Felician Bezzina** waqt is-seduta tal-1 ta’ Gunju 2015.[19] Jghid li dan il-fond hallitulu ommu bhala uzufrutt. Il-fond kien inxtara minn ommu fiz-zwieg minghajd familja f’ Haz-Zabbar. Jghid li ommu mietet fl-4 ta’ Ottubru 1976 u missieru miet fis-17 ta’ Lulju 1982. Huma kienu (7) ahwa. Hu kien il-kbir, George (mejjet), Frans, Vince, Pankrazju, Angiolina (Lina) mizzewga Debono u Lucian. Jiccara li l-uzufrutt huwa gej miz-zewg genituri u mhux biss minn ommu[20]. George kien il-prokuratur tal-wirt tal-ahwa u wara mewtu sar Joseph Debono. Jixtieq li min qed jokkupa il-fond johrog biex ikun jista’ jmur hu. Ma jaf kemm kien ilu mikri il-fond pero’ kien ghadu haj missieru. Jghid li hu ma jistax jimxi u il-fond hu terran u f’ ambjent ta’ post tal-mistrieh. Jghid li l-ahhar li mar hemm kien 1976 u wara kien imur xi gurnata ma’ hutu. Ma jiftakarx kemm kienet il-kera. Madwar Lm 100- 120. Jghid li hu ma kienx jista’ jsir propjetarju ghax membru f’ ordni religjuza u l-uzufrutt kien imur donazzjoni. Hu kien talab lil Joseph Debono biex jiehu il-fond lura wara li huh George kien miet fl-2003. Hu qatt ma kellu kuntatt mal-familja li tghix fil-fond pero’ darba wiehed minnhom gie il-kunvent biex jirranga il-kwistjoni. Lanqas jaf ghalfejn qed jintuza il-fond.

Kompla jixhed Patri Felician Bezzina fid-19 ta’ Gunju 2015 u jghid li ma jiftakarx meta ommu xtrat il-post u hu kien iqatta xi vaganzi tas-sajf hemm sakemm mietet.[21] Jghid li mar tal-anqas 5 sjuf hemm waqt it-tlett gimghat vaganzi li kien ikollu kull sena. Muri ircevuta tal-1977 jghid li ma jarafx il-kitba imma mhux tieghu zgur. Lanqas jaf min hu Joseph Theuma li hemm indikat fl-ircevuta. Jghid li hu qatt ma hareg ircevuti u l-ircevuta tal-1979 ma jafx ta’ min hija. L-istess jghid ghall-ircevuti tal-1980, 1981, 1989, 1990, 1991, 1992 u 2005. Huh George kien jaf jaqra u jikteb. Jghid li ma jafx Mrs. G. Bezzina minn hija u li il-mara ta’ huh jisimha Lourdes u ghada hajja. Lanqas jaf li fuq xi ircevuti kien hemm il-kelma villeggatura. Il-prokuratur tieghi u l-inkwilin ma kienu jgharrfuni b’ xejn hlief li ghaddiet il-kera. Jishaq li Joseph Theuma ma jafx min hu.

[19] A folio 131 tal-process.
[20] A folio 146 tal-process.
[21] A folio 147 tal-process.

Kompla jixhed Patri Felician Bezzina fit-22 ta' Frar 2016 u qal li il-fond inkera lil certa Theuma u mhux Xuereb kif erronjament qal fis-seduta precedenti.[22] Jghid li qabel il-mewt ta' ommi qatt ma nkera, wara kien joqghod hu fih bhala villeggatura u wara inkera. Jghid li dahal il-kunvent 1949 u sar sacerdot 1957. Jikkonferma li missieru kien haj meta inkera il-post u George kien il-prokuratur tal-ahwa. Hu ma kienx fi trattativa mal-inkwlini pero' sa fejn jaf hu kienu riedu il-fond bhala villeggatura. Dan kien qaluli huh George. Jiccara li wara il-mewt ta' ommu, missieru kien b'sahtu kemm mentalment kif ukoll fizikament.[23] Hu ma kienx ma George meta ghamlu in-negozzjati mal-familja Theuma u b' hekk ma jistax jeskludi li kien hemm missieru ukoll. Lanqas jaf jekk qatx marru ghand avukat jew nutar. Jerga jtenni li dwar l-ircevuti murija kien l-ewwel darba li rahhhom fl-ahhar seduta u ma jistax jghid il ghala il-kelma 'villeggatura' ma tnizzlitx. Jghid li huh George ma tantx kien jaf jaqra u jikteb u qatt ma kellmu fuq il-kwistjoni. Jiccara ukoll li huh ma kienx jaf jikteb l-ircevuta huwa stess, sakemm ma kienx tghallem jikteb l-ircevuti. George kien ga mizewweg meta mietet ommu u kien dejjem jghix Hal-Tarxien. Jghid li ma ghandhomx aktar postijiet ix-Xghajr u jixtieq jerga' jkun jista' jmur villeggatura hemmhekk. Jghid li bhala patri ghandhom tlett gimghat fis-sena li jistghu johorgu mill-kunvent dawn jistghu ikunu b' mod konsekuttivi jew granet indvidwali bil-permess tas-superjur taghhom.
Kontro-ezaminat jghid li huwa biss kien l-usufruttwarju tal-fond de quo filwaqt li ulied hutu huma il-propjetarji. Jiccara ukoll li kemm-il darba jigi lura ghandu il-fond ser juzah huwa pero' mhux ser ikecci lin-neputijiet.

Xehdet **Mary Lourdes Bezzina** waqt is-seduta tas-7 ta' April 2016 fejn spejgat li hija kienet armla u mizzewga lil George Bezzina u telabora li dan kien inxtara minn omm ir-ragel u taf li kienu jmorru villeggatura go fih.[24] Tghid li fit-testment dan il-fond thalla lil Patri Felicjan Bezzin u dan tal-ahhar kien imur ma'

[22] A folio 157 tal-process.
[23] A folio 158 tal-process.
[24] A folio 167 tal-process.

ommu hemm villeggatura meta kien ikun jista'.Hija taf li il-post gie mikri lil Giuseppi Theuma peres li hija mizzewga ghandhom. Tghid li zewgha kien jigbor il-kera u l-ircevuta kienet tohroga hija. Tghid li zewgha kien ikun hdejha u jghidilha x tikteb ghax ma tantx kien jaf jikteb pero' hija tiddobba. Mura xi ircevuti hija taraf xi uhu pero ohrajn ma tarafhomx. Tiftakara li meta ir-ragel taghha kien ghandu haj kien hemm xi zmien meta il-kera beda jigi ihallasha iben Joseph Theuma. *Dan tal-ahhar kien jinsisti li il-kera iddur fuqu pero' ir-ragel taghha qatt ma ried*.[25] Tispjega li fit-tieni ktieb bdew inizzlu illi l-post kien qieghed jigi mikri bhala villeggatura ghax safejn taf hija kienet dahhlet xi ligi illi jekk il-post ikun mikri bhala villeggatura l-kerrej kellu johrog meta jigi mitlub. Hija ma tafx il-ghala l-kirja kienet zduiedet minn Lm 65 ghal Lm 130. Ma tafx min kien jokkupa il-fond waqt il-kirja pero' terga' ittenni li iben Joseph Theuma xtaq li l-kirja iddir fuqu u li hija ma kienitx tkun il-hin kollu presenti waqt i-diskors bejn l-irgiel.

Xehed **in-Nutar Pierre Cassar** fis-16 ta' Gunju 2016 u muri dokument a fol 80 jghid li l-kitba hija ta' missieru.[26] Missieru kien in-nutar George Cassar. Jghid li il-pagni ta' wara mhix il-kalligrafija ta' missieru. Ma jafx jekk l-iskritturi privati ta' missieru huimiex kollha iffaljati.

Xehed **Paul Theuma** waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2016 fejn qal li huma iben l-intimat u hu Lawrence Theuma.[27] Jaf li sa fejn jaf hu kien dejjem traskurat u ma jafx jikteb u jaqra. Infatt imur hdejh biex jaqralu xi karti tieghu. Huh ma jindunax jekk l-itrri ikunux tieghu jew le. Jghid li huh jghix il-boghod minnu.

Xehed **Carmel Mizzi** permezz ta' affidavit datata 5 ta' Jannar 2017 u jghid li l-intimat kien student tieghu u li ma kienx jaf jikteb u jaqra u qatt ma ha interess fl-iskola. Izid jghid li sa fejn jaf hu jghix ix-Xghajra fit-triq ta' ohtu u li jarah spiss hemm.[28] Hu jiltaqa' mieghu ukoll biex jaqralu xi karti.

[25] A folio 168 tal-process.
[26] A folio 173 tal-process.
[27] A folio 176 tal-process.
[28] A folio 180 tal-process.

Xehed **Joseph Debono** waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju 2018 fejn ikkonferma li l-mara tieghu jisima Angolina Debono u jghidula Lina. Tikkonferma li it-tfal taghha huma Mariano Debono u Matilde Debono u hija ghanda dawn it-tnejn. Tikkonferma li sa fejn taf hija il-fond inkera bhala villeggatura lil Joseph Theuma u ghalkemm qatt ma rat l-ircevuti dejjem semghet lill-diversi familjari jghidu li dan il-fond qed jinkera bhala villeggatura.[29] Jaraf li Lourdes Bezzina kitbet xi uhud mill-ircevuti. Jispjega li Nazzareno Bezzina ma kienx jaf jikteb. Dan kien dejjem jaghmel salib. Jghid li huh George ma kienx jaf jikteb. Ma jarafx il-firma ta' huh. Jghid li il-kitba tat-2 ta' Mejju 2004 u 2005 hija tieghu. Jghid li mill-1976 meta inkera il-post 'l hawn qatt ma mar fil-fond. Jghid li dan il-fond kien ikun miftuh pero' dan l-ahhar zmien dejjem ikun maghluq. Jghid li f' sena jghaddi 3 jew 4 darbiet. Dan lahhar 6 jew 7 snin jew aktar dejjem maghluq. Qal li meta kien cempel lil Joseph Theuma ghal kera kien cempillu il-Fgura u wara gie hu u t-tifel bil-kera. Jghid li il-flus dejjem hadnihom f' isem missieru anki meta gie bihom it-tifel. Huwa kien mizzewweg meta saret il-kirja. Ma jafx min ghamel il-kirja u ma jafx jekk kienx George jew xi hadd iehor. Jaqbel li meta il-post inkera fit-2 ta' Mejju 1977 Naxxareno kien haj. Omm George kienet diga' mietet meta inkera il-fond. Skond hu il-patri kien uzufruttwarju u t-tfal fil-familja lanqas kienu ghadhom twildu kollha. Skond hu Joseph Theuma kien joqghod Hompesch Road Fgura. Hu ma kienx jafu u lanqas kien jaf fejn kien joqghod. Hu kellem lil martu u fittex fuq id-directory in-numru tat-telefone.

Xehed **Luciano Bezzina** waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2018 u jghid li Robert Bezzina huwa it-tifel ta' huh u Matilde Camilleri hija it-tifla ta' huh ukoll.[30] Huwa jaghti spjegazzjoni tal-familjari kollha involuti fil-kaz u jikkonferma li kien ghamel affidavit. Jghid li il-ktieb tal-kera rah meta bdiet il-kawza. Jikkonferma li fl-affidavit qal dak li qalulu hutu. Jghid li huh il-mejjet kien jiehu hsieb kollox. Hu ma jafx la jikteb u lanqas jaqra. Jghid li lil Joseph Theuma kien jafu ghax kieneu jiffrekwentaw l-istes hanut.

[29] A folio 216 tal-process.
[30] A folio 232 tal-process.

Jjghid li hu kien xoghlu fil-bini u Theuma kien ilaqqghu man-nies biex ibghjalhom id-djar. Jghid li darba kien semmilu Theuma li kellu post mikri minghand ommu pero’ hu ma tantx ha interess. Jghid li hu jiffirma L. Bezzina il-bqija ma jaraf xejn. Ma jafx il-ghala fl-ewwel ktieb ma kienx hemm il-kelma villeggatura u ara fit-tieni ktieb hemm. Lil Joseph Theuma jafu wara 1984 bhala sensar pero’ ma jafx xi skola ghandu.

Xehed **Pancrazio Bezzina** fit- 12 ta’ Lulju 2018 u jghid li ommu Matilde mietet fl-4 ta’ Ottubru 1976.[31] Hu kien jahdem il-madum ma’ missieru fil-passat. Kien jorok il-madum. Hu ma jaf xejn fuq il-fond de quo hlief li hu tal-familja tieghu. Jghid li kienu 7 ahwa. Jghid li George kien inizzel li kien mikri villeggatura. Dan ghax kien jismghu jghid hekk. Meta kien zghir kien imur fih. Jghid li lill-intimat Lawrence ma jafu xejn u hu qatt ma ha interess f’ dan il-fond. Ma jafx jikteb u jaqra. Lanqas lil Joseph Theuma ma jaf. Kien jisma li kien mikri villeggatura xi 25 jew 30 sena ilu. Il-post skond ix-xhud ghandu gardina. Kurutur, kamra fuq u kamra isfel. Jghid li il-gardina hija hmistax il-pied kbira. Jghid li jumejn qabel ghadda minn quddime il-fond u strutturalment mhux sew u il-letter box imkissra u il-pum tal-bieb imkisser ukoll. Jispjega li kien jinzel ghal kacca imma qatt ma kien jaghti kaz poro dejjem maghluq kien ikun. Dan kien xi tnax il-sena ilu kien jinnutah maghluq. Kien ilu jikkacca minn meta kellu 21. Jghid li hemm ma ghandux imur ghal kacca pero’ li sa issa ghdu kaccatur. Ilu xi 7 jew 8 snin li qata hafna mill-kacca pero’ wara kien imur jistad naqra. Jikkonferma li dejjem kien jara il-fond maghluq.

Xehed **Carmel Sciberras** permezz ta’ affidavit datat 29 ta’ Novembru 2018 li jghid li ilu joqghod fid-dar 102 fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja ix-Xghajra ghall-erbghin (40) sena. Jikkonferma li il-gara tieghu ghal dawn l-ahhar sitta u tletin (36) sena kienu Lawrence sive Lorry Theuma u uliedu. Dan ix-xhud jighid ukoll is-segwenti:

---

[31] A folio 242 tal-process.

*'Niftakar nara wkoll ghal zmien twil lil missier u l-omm Lawrence u kif ukoll lil wahda mara b' xaghra isfar, li nassumi li hija l-partner tieghu dehlin f' din id-dar'.*[32]

Xehdet **Maria Lourdes Bezzina** waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2019 u tghid li ma tafx kemm kienu jmorru villeggatura il-qraba taghha ghax ghadda hafna zmien.[33] Tghid li zewgha ma kienx jaf jikteb u gieli tikteb hija a nom tieghu. Tghid li kien jghidilha ikteb post ta' vuilleggatura. Tghid li Nazzareno missier ir-ragel taghha ma kienx jaf jikteb lanqas. Gharfet fl-awla lill-iben Joseph Theuma. Ma tafx jekk Lawrence Theuma kienx jghid lilha jew lil zewgha il-ghala il-fond ried jinqaleb fuqha. Ma tafx il-ghala Lawrence Theuma riedu il-fond. Zewgha George kien jircievi il-kera ta' dan il-fond biss. Tghid li il-ghala fl-ewwel oarti tal-ircevuta ma kienitx tnizzel villeggatura u wara kienet tnizzila tghid li ghax tahseb li tbidlet il-ligi. Tghud li meta tohrog l-ircevuti kienet taghmel li jghidilha zewgha pero' ma tafx il-ghala sar ktieb tal-kera gdid. Taqbel li hut George ma kienux prezenti id-dar. Tghid li il-fond tax-Xghajra hu miktub lil patri.

Kontro ezaminata taf li il-fond taf fejn huwa u gieli marret tnaddaf ukoll. Il-fond taghti deskrizzjoni tieghu u tispjega li kienet tmur omm zewgha u il-patri bina ghal vaganza.

Xehed **Robert Bezzina** waqt is-seduta ta' Marzu 2019 u jispega l-arblu familjari[34]. Jghid li ma kienx involute fil-kera tal-fond u li zijuh George Bezzina kien jiehu hsiebha u li dan mejjet. Wara il-mewt ta' dan kien jiehu hsiebha Joe Debono li jigi ir-ragel ta' zijtu Lina. Jikkonferma li fetah ikl-kawza f' ismu u f' isem il-kugini tieghu. Hu qatt ma tkellem ma' George Bezzina fuq il-kawza ghax lahaq miet. Jiccara li hu qatt ma tkellem mal-intimat Joseph Theuma u lanqas ma Lawrence Theuma. Jispjega li il-kotba tal-kera gieli rahhom u kienu ghand Joe Debono. Jghid li hu wiehed mis-sidien u il-flus tal-kera kienu jircivuhom il-genituri taghhom . Jiccara li Patri Felicjan Bezzina huwa uzufruttwarju filwaqt li

[32] A folio 267 tal-process.
[33] A folio 269 tal-process.
[34] A folio 281 tal-process.

hu u il-kugini tieghu huma is-sidien. Hu qatt ma kellem lin-nanniet fuq il-post ghax wahda kienet diga’ mejta u l-eihior kien zghir wisq. Jiccara li huma qatt ma taw il-fond lil hadd, imma il-fond krewh lill-intimata bhala villeggaturi il-familjari tieghu. Jghid li din hija l-unika kawza li qatt fetah. HU qatt m ata prokura lil George Bezzina jew lil Joseph Debono.

Kontro-ezaminat ix-xhud jikkonferma li il-fond gej mill-wirt tan-nanniet. Ma jafx jekk kienx in-nannu li kera il-fond wara li mietet in-nanna. Ghandu ideja cara fejn qieghed dan il-fond u mhux f’ kundizzjoni tajba u qatt ma ra lil hadd juzah dan il-fond. Jidher abbandunat.

Xehed **Mariano Debono** waqt is-sduta tal-20 ta’ Marzu 2019 jghid li il-fond kienu jiehu hsiebu zijuh George. Jaf li il-fond kien mikri bhala villeggatura u huma talbuh lura ghax xtraqu jaghmlu uzu minnu.[35] Jghid li nantu mietet meta kellu sentejn u nannuh miet meta kellu il-precett. Hu ma kien involut fl-ebda kirja ghax kien zghir hafna. Jghid li wara li jmur Patri Felicjan Bezzina il-fond jigi fuqu u fuq il-kugini tieghu. Jelabora li hu ghandu fiducja shiha fiz-zijiet u fil-genituri taghhom. Jghid li ghandu il-prokura ta’ ohtu i jispjega li l-ircevuti qatt ma kien rahom ghax ghandhom fiducja fil-genituri taghhom. Dejjem sema jghid lil genituri tieghu li il-post gie mikri bhala villeggatura. Jiftakar li kellu madwar 15-il sena meta kien jisma dan id-diskors.

Xehed **Danilo Bezzina** waqt is-seduta tal- 20 ta’ Marzu 2019 u jghid li twiled 1983 u meta twieled in-nanniet kienu diga’ mietu. Jghid li minn eta’ zghira il-projetajiet kollha tan-nanniet kienu taghna in-neputihjiet ghax hekk kien jghid lil missieru. Jghid li Patri Felicjan huwa il-parrinu tieghu u ghandu relazzjoni tajba hafna mieghu u jirrakuntalu ukoll fuq dan il-post ta’ villeggatura. Jghid li iz-ziju il-Patri dejjem jghidlu li l-fond kien qed jinkera ghall-villeggatura. Skond hu il-patri zijuh ghandu eta’ avvanzata, saqajh ma tantx jaghtuh pero’ il-bqija huwa persuna attiva. Jghid li medicine ma jiehux u fizikament ghadu f’ sahhtu. Jghid li fuq

[35] A folio 294 tal-process.

din il-kawza ma kellmux. Qatt ma ra l-ircevuti relatatai ma dan il-fond.

Xehdet **Rodianne Chircop** waqt is-seduta tal-20 ta' Marzu 2019 u tghid li n-nanniet taghha ma tafhomx.[36] Tghid li bhala familja huma maghqudin hafna u ghandhom fiducja assoluta fil-genituri taghhom. Tghid li issa li il-genituri taghhom kibru involvew ruhom f' din il-kawza u tghid li zijuha Patri Felicjan huwa uzufruttwarju. Il-fond kien mikri bhala villeggatura u eventwalment spicca f' idejn haddiehor. Qatt ma rat l-ircevuti. Qatta ma kellmet liz-ziju fuq din il-kawza. Hija certa li l-genituri taghhom ma kienux qed jigdbu. Taf li din il-kawza infethet u iffirmat xi karti.

Kontro-ezaminat tghid li hija trid tkpmpliha din il-kawza. Tghid li tghaddi minn hemm u il-post ma tahsibx li qed jintuza. Jidher abbandunat. Qatt ma rat nies dehlin u hergin. Il-letter box qisha mizduda, u il-poost ma jidhirx nadif.

Ri-ezaminata tghid li bejn wiehed u iehor tmur darba f' xahar. Tghid li darba habtet il-gimgha l-ohra u ma fetah hadd.

Xehdet **Alison Pace** waqt is-eduta tal-20 ta' Marzu 2019 u tghid li hija it-teini l-akbar mill-kugini.[37] Lin-nanna ma tiftakarix pero' tiftakar il-funeral taghha. Tikkonferma li il-kirja kienu jiehdu hsieba iz-zijiet. Qatt ma tkellmet mal-patri zijuha fuq il-fond de quo. U li minn dejjem tismaghhom jghidu li villeggatura. Ma tafx kif gie ghandhom u il-kuntratt qatt ma ratu. Qatt ma rat l-ircevuti.

Xehdet **Graziella Spiteri Bezzina** fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2019 u fis-sustanza tikkonferma dak li qau ix-xhieda ta' qabel ossija li hija qatt ma rat l-ircevuti, li il-post kien mikri bhala villeggatura u dan it-taghrif tafu minghand haddiehor. Taf ukoll li zijuha riedu lura peres li hu uzufruttwarju.[38]

[36] A folio 302 tal-process.
[37] A folio 305 tal-process.
[38] A folio 308 tal-process.

Xehed **Fr. Alex Scerri** fl-14 ta' Mejju 2019 u jghid li hu Karmelitan. Jghid li il-patri l-aktar anzjan huwa Patri Felician Bezzina u ghandu 86 sena. Jghid li patri individwalment ma jistax ikollu propjeta'. Ma ghandux idea jekk Patri Felician ghandux xi propjeta' jew li wiret. Jghid li huwa mhux is-superjur maggur Ix-xhud jispjega li patri jista' jaghmel kawza.

Kontro ezaminat jispjega li patri jista' jgawdi l-uzufrutt ladarba din mhix pripjeta' tieghu. Jista' jgawdi l-uzufrutt tak-post li hallewlu ommu u missieru Patri Felicjan.

Xehed **Fr Joseph Saliba** waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju 2019 fejn jghid li bhal issa huwa il-provincjal.[39] Jghid li jekk il-patri jiret dak li jiret isir propjeta' tal-Ordni. Patri ghandu ghazla, jew li ma jaccettahix jew jaccettaha u issir parti mil-assi tal-Ordni. Jekk wiehed juza xi haga ghax mhux wirt jista'. Hum ajghamlu distinzjoni bejn donazzjoni u wirt. Ma jaghmlux distinzjoni bejn dak li hu mobbli u dak li huwa immobbli. Huwa kien jaf b' din id-dar tax-Xghajra ta' Patri Felicjan u anki il-provincjali ta' qablu. Jekk hija uzu u frutt ma jistax jehodha. JIccara jaghmel uzu minnha u daqshekk.

Kontro-ezaminat jghid li l-uzu tad-dar jista' jaghmel uzu il-patri biex imur jghix temporanjament go fiha ghal mistrieh. Kera huma qatt ma ircevew bhala provinja pero' jista' jmur u jaghmel uzu minnha. Jekk patri jiret tghaddi mill-ewwel ghandi il-provincja. Skond ix-xhud il-provincjal jista' jaghmel derogi ghar-regoli principali. Skond hu l-uzufrutt ma jsirx tal-ordni. Jekk xi hadd jirciev i renta din tmur ghand i-provincja fl-account taghha. Ma jafx jekk fuq il-propjeta' tax-Xghajra qattx ircevew flus il-provincja. Jiccara li jista' jghaddi lil kera lil hutu.

Xehdet **Carmen Scerri Lautier** xhedet fis-27 ta' Gunju 2019 fejn qalet li ma jzomux records tal-ittri fejn imorru. Tghid huma izommu records tal-ittri registrati tal-ahhar 6 xhur. Jidher li kien

[39] A folio 336 tal-process.

hemm xi ittri fuq Olanda Theuma Whitelaw pero' dawn biss ghal gimgha ta' qabel ix-xhieda.[40]

Xehed il-postman **Matthew Tonna** fis-27 ta' Gunju 2019 jghid li fil-post de quo f' dawn l-ahhar 4 snin gieli qasaam ittri. Hu jqassam tlieta jew erbgha fil-gimgha f' dan il-fond. Jaf li kunjomhom Theuma Hu ma jafx min hu is-Sur Theuma u qatt ma iltaqa mieghu. Jghid li ha xi ritratti biex ikollu il-provi u dan ghamilhom minn rghajh. Qal li is-supervisor tieghu qallu biex jghamel dan. Jghid li gieli iltaqa ma min jabita fil-fond. Hu qatt ma iltaqa mas-sinjur li kien hemm prezenti fl-awla. Jghid li ragel ta' certa eta' pero' ma jafx jekk hux is-sinjur fl-awla.

Xehdet **Olanda Theuma Whitelaw** xehdet fit-12 ta' Novembru 2019 fejn ikkonfermat li ilha tghix fil-fond sa mit-twelid u li l-postman jinbidel minn zmien ghal zmien[41]. Ilha madewar 5 snin tixtri mill-internet u il-posta tirceviha fil-fond imsemmi. Tghid li huta Elucian u Dale Theuma Whitelaw jghixu ukoll fil-fond. Tghid li missierhom joqghod maghhom u tigi izzurhom ommhom u huhom iz-zghir. Jghid li huhom Orian ma joqghodx maghhom pero' jigi hemm ta' spiss u gieli raqad maghhom ukoll pero' ma ghandux l-indirizz hemm. Tishaq li huha Dale joqghod ix-Xghjar maghhom u li ma ghandhomx propjeta' ohra imkien. *Tghid li nannuha u nanta gieli gew hemm meta kienu hajjin pero' ma kienux jghixu hemm.*[42] *Tghid li ma kienux joqghodu b' mod permanenti in-nannu u in-nanna taghha.*[43] Tispjega li l-propjeta' hija zghira u taghti deskrizzjoni kif inhi imqassma. Lanqas zijuha Leli ma jghix fil-fond mertu ta' din il-vertenza.

Xehed **Joseph Rivans** fit-12 ta' Novembru 2019 rapprezentant ta' Identity Malta li qal li huwa ghandu records mill-2014 sal-lum ghax l-agenzija twaqqfet f' dik is-sena. *Jighid li Dale, Eliciano u Olanda Theuma Whitelaw ilhom registrati hemm mill-2014 sal - lum filwaqt li <u>Lawrence Theuma ilu registrat mill-2018 sal-lum.</u>*[44]

[40] A folio 357 tal-process.
[41] A folio 378 tal-process.
[42] A folio 384 tal-process.
[43] A folio 385 tal-process.
[44] A folio 389 sa 390 tal-process.

Xehdet **Carmen Scerri Lautier** waqt sis-seduta tat-12 ta' Novembru 2019 fejn spsjegat il-process postali in relazzjon mal-fond de quo.[45]

Xehdet **Olanda Theuma Whitelaw** permezz ta' affidavit datat 29 ta' Jannar 2020 fejn tat rendikont ta' fejn kienet tmur skola u tiddikjara li missierha la jaf jikteb u lanqas jaqra.[46]

Xehed permezz ta' affidavit **Amelia Teresa Whitelaw** datat 4 ta' Frar 2020 u tghid li ma' Lawrence Theuma hija ghandha 4 titfal u dejjem tafu joqghod fil-fond de quo. Tghid li l-erbgha titfal jghixu ma missierhom fil-fond tax-Xghajra u hija tinsel hemm biex tagheml xi facendi. Tghid li hija gieli marret mieghu biex thallas il-kera u gieli gie diskors li kien qed jghix hemm bhala ir-residenza ordinarja tieghu quddiem George Bezzina. Meta ma kienx ikun hemm George kienu jhallu il-kera ma' Mary Lourdes Bezzina. George Bezzina kien johrog l-ircevuta u meta ma kienx ikun hemm kienu jhallu il-ktieb tal-kera u jigruh gurnata ohra. [47] *Tghid li il-ktieb l-antik kien fadallu xi faccati pero' Mary Lourdes Bezzina tatu ktieb gdid ghax qaltlu li kien qadim pero' hu hatafulha minn idejha u ha il-gdid. Skond hi sar jaf li fil-ktieb il-gdid ziedu il-kelma villeggatura meta inbdew dawn il-proceduri.*

Xehed **Lawrence Theuma** permezz ta' affidavit data 4 ta' Frar 2020 u jghid li ilu joqghod fil-fond mertu ta' din il-vertenza kwazi 40 sena. L-erbgha uliedu dejjem jghixu mieghu u li ma jafx jikteb u jaqra. Jghid li George kien jaf li hu joqghod hemm ma' uliedu. L-ircevuta dejjem kien jaghmilha George u meta ma kienx ikun hemm dejjem ihallu il-ktieb hemm u jigbruh wara. Jghid li daraba halla il-ktieb hemm ghax ma kienx hemm George u martu taghtu ktieb gdida ghax qalet li kien qdiem. Hu insista ghalih u hadu lura. *Hafna snin wara induna li fil-ktieb tal-ircevuti il-gdid kienu qed izidu il-kelma villeggatura.*[48]

[45] A folio 393 tal-process.
[46] A folio 403 tal-process.
[47] A folio 404 tal-process.
[48] A folio 405 tal-process.

Xehed **Saviour Borg** waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru 2020 rapprezentant tal-ufficcju elettorali fejn ta rendikont ta' min hu registart fil-fond de quo.[49] **Jghid li minn April 1980 sa Ottubru 1987 ma sab lil hadd registrat hemm**. Minn April 1988 sa Ottubru 2006 sab lil Lawrence Theuma. Minn April 2007 sa April 2009 sab ukoll lil Lawrence Theuma. Mir-registri elttorali ta' wara baqa' irregistrat Lawrence Theuma u matul iz-zmien zdiedu Dale, Elisiano u Olanda Theuma Whitelaw. **Joseph Theuma u Concetta Theuma qatt ma kienu registrati fil-fond *de quo*.**[50]

**Lawrence Theuma** xehed fl-4 ta' Mejju 2021 fejn esebixxa certifikat mediku li gie immarkat Dok X.[51] Jghid li joqghod ix-Xghajra u jinsisti li ma jwigibx u il-Bord wissiek li jrid iwiegeb u li ma ghandux dritt li ma jwegibx. Hu talab li jigi sfilzat l-affidavit. **Ix-Xhud jibqa ostili kemm ghad-domani tal-avukat tar-rikorrenti kif ukoll ghad-domandi tal-Bord.** Hu jghazel li ma jwiegibx ghad-domandi li qed isirulu.[52]

Xehed **Lawrence Theuma** fis-27 ta' Mejju 2021 fejn jghid li il-fond kien jinkera minghand George Bezzina.[53] Orignarjament kien krieh missieru u kienu joqghodu mieghu huma. Missieru u ommu kienu joqghodu il-Fgura pero' gieli qaghdu fil-post. Jaghti deskrizzjoni tal-fond. *Jghid li f' dan il-fond joqghod hu u tlett itfal u gieli raqad iz-zghir ukoll*.[54] **Mistoqsi jekk barra dan il-fond ghandux propjeta' ohra jghid li iva.[55] Huwa reticenti jekk uliedu ghandhom propjeta' ohra.[56]** Jiftakar li bintu Olanda Theuma Whitelaw ghandha post iehor ix-Xghajra li kien inaghata bhala donazzjoni lilha minn huh. Jinsisti li ommu u missieru qabel mewthom kienu joqghod ix-Xghajra ukoll. Fis-sustanza jikkonferma dak li qal permezz tal-affidavit meta sarlu il-kontro ezami. Jghid li il-ktieb tal-kera kien iwaddbu gol-kexxu jghid li

---

[49] Fol 413 tal-process.
[50] A folio 415 tal-process.
[51] A folio 558 tal-process. **Fl-istess jum il-Bord widdeb lix-xhud li qieghed bil-gurament u jrid jghid il-verita' kollha u ma kienx konvint mix-xhieda tieghu.**
[52] A folio 556 tal-process. Ix-xhud gie arrestat u d-deposizzjoni sospiza. A folio 557
[53] A folio 564 tal-process.
[54] A folio 566 tal-process.
[55] A folio 567 tal-process.
[56] A folio 568 tal-process.

hu qalilhom li il-post mhux villeggatura.[57] Sare jaf li sar villeggatura ghax ircieva ittra mill-Qorti. Jghid li George kien jaf li joqghod hemm ghax darba ried ibieghuli. George kien jghidlu li kien happy bih. Jghid li hu kien imur ihallas il-kera ta' ommu u missieru lil George.

Xehed **Dale Theuma Whitelaw** waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju 2021. Jghid li hemm joqghod hu, missieru u hutu Eliciano u Olanda[58]. Joqghodu tlett itfal. Skond hu mhux kulhadd jorqod fl-istess soda. Nantu u nannuh gieli kienu joqghodu hemm. Skond hu kellhom sodda tifetah u tinghalaq. Jghid li ghamlu zmien jghix hemm b' mod permanenti u zmien iehor il-Fgura. Jghid li kienu jigu ghal xi zmien in-nanniet tieghu. L-ahhar li ra lin-nanniet fil-fond xi tlett snin qabel ma mietu. **Jghid li il-Blokka 'Dale' li tmiss mal-fond *de quo* hija tad-daddy**.[59] Jghid li f' din il-blokka ma joqghod hadd. Jghid li issaa il-blokka mhux taghhom inbieghet u hadd minnhom qatt ma qaghad fiha.

Xehdet **Olanda Theuma Whitelaw** fis-27 ta' Mejju 2021 tghid li ilha tghix hemm minn qabel ma twildet.[60] Tghid li zijuha tahha one bedroom flat biex meta tizzewweg ikollha biex tibda pero' ma tghix fih. Ma ghandix propjeta' ohra barra dan il-flat. Tghid li il-blokka 'Dale' mhux taghhom u ma tafx ta min hija.

Xehed **Paul Theuma** waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2021 u jghid li huwa it-tifel ta' Joseph u Concetta Theuma u dawn kienu joqghodu ik-Fgura fl-ahhar zminijiet ta' hajjithom.[61] Huma qeghdin sebgha ahwa. Ma jafx dam l-iskola huh pero'jaf li huwa traskurat. Hu jkollu xi karti jaqrahomlu huwa. Jghid li huh jghix ix-Xghajra u *it-tfal jghix mieghu kollha*.[62]

Kontro-ezaminat jghid li l-ircevuti ma jafx x' inhuma u fid-dar tal-Fgura jghix huh li ghandu dizabilita'

[57] A folio 575 tal-process.
[58] A folio 578 tal-process.
[59] A folio 585 tal-process.
[60] Fol, 587.
[61] A folio 594 tal-process.
[62] A folio 596 tal-process.

Xehed **Carmel Mizzi** waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2021 fejn qal li huwa irtirat u li Lawrence Theuma kien fil-klassi tieghu u li ma kienx jaf jikteb u jaqra. Ilu snin li kellu xi ittra u qrahilu ghax iltaqa mieghu fit-triq. Din kienet darba biss. Ir-relazzjoni ta' bejniethom hija sahha u bongu.

Xehed **Paul Theuma** fil-15 ta' Frar 2022 u qal li huh Baldassar kien jghid il-Fgura.[63] Jghid li ommu ma kienitx taf taqra u tikteb u missieru kien jaf jaqra u jikteb biex jiddobba. Lawrence ma kienx jaf jaqra u jikteb xejn.

Xehed **Carmel Theuma** u ikkonferma il-livell baxx hafna ta' edukazzjoni ta' ommu u missieru.[64] Jghid li Paul jaf jaqra. Missieru ma tantx kien jaf jikteb. Ohtu iva taf taqra u tikteb.

Xehed **Martin Theuma** jghid li l-genituri tieghu kienu joqghodu il-Fgura. Jghid li erbghin sena ilu kienu joqghodu il-Fgura u ghanlu xi zmien joqghodu ix-Xghajra.[65] Huwa u Paul twildu il-Fgura.

Xehed **Paul Theuma** fil-15 ta' Frar 202 u qal li bhal dawk il-kotba tal-kera missieru gieli kellu u li missieru kien watchman.[66] Kien icekcek xi haga ukoll bhala sensar.

**Ikkunsidra:**

L-argumenti principali li ghandu quddiemu dan il-Bord huma imsejsa fuq il-kuncett li l-kirja kienet biex il-fond *de quo* jintuza bhala villeggatura u mhux bhala residenza ordinarja tal-inkwilin. B'hekk ladarba din ma baqetx tintuza bhala villeggatura u konsegwenti ghat-tibdil li kien hemm fil-ligijiet in relazzjoni ma' din il-vertenza li ghamluha aktar facli ghas-sidien jirriprendu fond ta' villeggatura, r-rikorrenti qed jitolbu l-izgumbrament tal-inkwilini mill-fond sabiex ikun jista' jintuza minnhom.

[63] A folio 608 tal-process.
[64] A folio 610 tal-process.
[65] A folio 613 tal-process.
[66] A folio 616 tal-process.

**Gurisprudenza u Ligi Applikabbli**

Illi l-Bord jidhirlu ukoll li l-artikoli relevanti ghal vertenza imqajma mir-rikorrenti isibu konfort fis-segwenti artikoli tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta:

1531H.*(1) Fil-każ ta' garaxxijiet mikrija qabel l-1 ta' Ġunju,1995 li ma jiffurmawx parti minn dar mikrija lill-inkwilin bħala residenza ordinarja u li mhumiex meqjusa bħala fond kummerċjali, fin-nuqqas ta' ftehim li jgħid mod ieħor ma jkun hemm ebda dritt ta' tiġdid tal-kirja wara l-1 ta' Ġunju, 2010.*

*(2) Fil-każ ta' fond mikri qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 li jkun utilizzat bħala villeġġatura li ma tkunx ir-residenza ordinarja fin-nuqqas ta' ftehim li jgħid mod ieħor, ma jkun hemm ebda dritt ta' tiġdid tal-kirja wara l-1 ta' Ġunju, 2010:*

*Iżda ebda inkwilin għall-iskop ta' dan it-Titolu m'għandu jitqies li jkollu aktar minn dar ta' residenza ordinarja waħda.*

Fost l-obbligi li ghandu josserva l-inkwilin ta' haga mikrija lilu hemm l-artikolu 1554(a) tal-Kodici Civili li jipprovdi li huwa ghandu:

*'jinqeda bil-haga mikrija bhala missier tajjeb tal-familja, u ghall-uzu mifthiem fil-kuntratt, jew, jekk ma jkunx hemm ftehim fuq dan, ghall-uzu li jista' jigi prezunt mic-cirkostanzi*[67] *';*

L-Artikolu 1555 jaqra hekk:

*'Jekk il-kerrej jagħmel mill-ħaġa mikrija użu xorta oħra minn dak li għalih ikun miftiehem, jew preżunt skont l-artikolu preċedenti, jew b'mod li bih jista' jġib ħsara lil sid il-kera, sid il-kera jista', skont iċ-ċirkostanzi, jitlob il-ħall tal-kirja'.*

[67] Ara f' dan is-sens John Curmi vs Dr. Joseph sive Josie Muscat ( App. Civili Nru. 1224/1993/1) moghtija mill-Qorti tal-Appel fit-28 ta' April 2006 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent DeGaetano, Onor. Imhallef Joseph D. Camilleri, Onr. Imhallef Joseph A. Filletti, pg. 8.

Kif ukoll l-artikolu 1564(1) tal-istess Kodici Civili li jipprovdi is-segwenti:

*'Il-kerrej, matul il-kirja, ma jista' jaghmel ebda tibdil fil-haga mikrija minghajr il-kunsens ta' sid il-kera, u m' ghandux jekk jitlob il-hlas lura tal-valur, ikun kemm ikun, tal-miljorament maghmul minghajr dak il-kunsens.'*

**Ikkunsidra:**

Esposti l-artikoli li l-Bord jidhirlu huma relevanti ghall-vertenza allura jidher li jkun xieraq li jigu esposti l-elementi ta' gurispridenza in relazzjoni ma x'jikkostitwixxi residenza ordinarja, x'inhi vileggatura u kif tista' tittiehed lura mis-sid kif ukoll l-importanza tal-ircevuta f'kawzi ta' kirjiet.

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Doris Attard vs Andrew sive Henry Azzopardi** (Appell Civili Nru. 24/1993/2) deciz fis- 17 ta' Frar 2003 per Onorevoli Imhallef Philip Sciberras intqal is-segwenti f' kawza analoga bhal din li qed tigi dibattuta:

*'Jekk ghal mument wiehed kellu jqieghed in disparte l-prova ta' xi ftehim subentrat bejn is-sid u l-kerrej, sija pure bi ftehim tacitu, l-ewwel ezami li, fil-fehma ta' din il-Qorti htieglu jsir f'dak il-kaz, kien jekk fond mikri bhala punt ta' villeggjatura kienx jikkwalifika bhala "residenza ordinarja".*

*Skond il-Ministru Dottor Guze Cassar li kien qed jippilota l-abbozz ta' ligi ossija l-Att XXIII ta' l-1979, villeggjatura, "dak zgur ma jaqax taht "ordinary residence"." (Parliamentary Debates, Seduta Nr. 300, 16 ta' Lulju 1979). L-istess Ministru tenna wkoll illi biex ikun xort'ohra "irid ikun jidher car mill-intenzjoni tal-partijiet u mic-cirkostanzi l-ohra kollha li wiehed jippruvahom, u mill-fatti li jista' jgib il-quddiem u jippruvahom, illi dik kienet ser tkun ir-residenza ordinarja tieghu".*

*L-argoment tal-appellanti f'dik il-kawza kien imsejjes fuq il-fatt illi l-kontrattazzjoni dwar il-kirja kienet dik tal-post ghall-villeggjatura, u*

*mhux ghal xi skop iehor. Issa huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi "ghandha ssir distinzjoni bejn l-uzu u d-destinazzjoni tal-fond stipulati kontrattwalment, sija pure bi ftehim tacitu, u l-uzu jew destinazzjoni skond l-interess jew intenzjoni unilaterali ta' l-inkwilin. Sakemm iz-zewg kontraenti ma jkunux ftehmu fuq id-destinazzjoni ta' l-uzu tal-fond b'mod li jistabilixxu destinazzjoni esklusiva ghall-finijiet tal-kirja u ccirkostanzi ma jkunux juru b'mod univoku li l-uzu kellu jkun ghal xi destinazzjoni partikolari, ma jistax jinghad li linkwilin ikun marbut li juza l-fond ghal skop wiehed biss u ma jkunx jista' jaghmel uzu divers minn dak li jkun beda jaghmel."* - *"Antonio Zahra –vs- Francis Galea", Appell, 8 ta' Jannar, 1965.*

*Il-Qorti dehrilha li kellha tissofferma fuq dak dedott hawn fuq biex turi li l-ligi altru milli tinteressa ruhha mill-iskop tal-kirja, u l-Qorti ma tistax tinjora d-destinazzjoni principali intenzjonata jew l-uzu esklussiv pattwit u taccetta minflok l-istat ta' fatt mahluq bis-semplici intenzjoni unilaterali talkerrej. Din il-qaghda s'intendi tibqa' hekk sakemm ma jigix ukoll dimostrat bi prova kontrarja li dik id-destinazzjoni originarja partikolari miftehma giet imwarrba b'xi ftehim iehor, espress jew tacitu, intervenut bejn il-kontraenti infushom.'* [68]

Fil-kawza **Maria Concetta sive mart Anthony Muscat et vs Anthony Carbonaro** (App. Civ. Nru. 388/1994/1) deciz fit- 28 ta' April 2004 mill-Qorti tal-Appell per Onorevoli Imhallef Philip Sciberras intqal is-segwenti fuq x' inhi ir-residenza ordinarja n-relazzjoni ma x' inhi vileggatura:

*Il-ligi fil-Kap 158 ma tipprovdi l-ebda tifsira tal-kelma "residenza ordinarja" u allura dawn b'necessita` kellhom ikunu interpretati skond ic-cirkustanzi tal-kaz partikolari purke dejjem fl-ambitu tal-ligi. Inghad a propozitu illi "meta l-kelma mhiex definita s-sinjifikat taghha jista' jvarja skond il-kuntest partikolari u l-iskop tal-uzu taghha f'dak il-kuntest" (Kollez. Vol. XLVI pI p119). Gie ribadit ukoll mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, fil-kawza riportata a Vol LXXVIII pII p337, l-osservazzjoni kaptata mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-3 ta' Novembru 1982 fl-ismijiet "John Bianco –vs- Karl Flores", ben nota ghall-gudikant sedenti li fiha kien jippatrocina lill-konvenut, illi "l-*

[68] Pagna 9.

*element tar-residenza gie interpretat mill-gurisprudenza Qrati tal-Gustizzja taghna fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm "mere physical presence" imma jenhtieg li l-post kien "permanently his ordinary residence" u "his only residence".*

*Dan il-hsieb jattalja mal-konsiderazzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili, fis-sentenza taghha tat-8 ta' Frar 1971 fil-kawza fl-ismijiet "Saviour Coppini noe –vs Joseph Vella Bonnici noe". Fiha nghad illi "in generali l-kliem residenza ordinarja jiddenota residenza f'post b'certu grad ta' kontinwita`. Id-durata mhux kriterju esklussiv u necessarjament determinanti. Hu pero` kriterju tajjeb dak li jirrigwarda l-mod kif bniedem ugwalment jorganizza hajtu … … In definitiva ebda kriterju wiehed ma hu a priori konklussiv u f'kull kaz iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha"*[69]

………………………………………………………………………………………………

Ikompli jelabora l-Imhallef Sciberras bil-mod segwenti:
*Quddiem dawn il-provi din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni tikkonkludi illi l-fond in disamina kien u baqa' jintuza bhala post ta' villeggjatura u mhux bhala r-residenza ordinarja ta' l-appellanti. F'kaz bhal dan, kif konfermat mill-Qrati taghna, l-ligi specjali (Kap. 158) ma takkorda l-ebda protezzjoni lid-dar ta' villeggjatura u huwa wkoll irrilevanti jekk dar ghal dan l-iskop ghandhiex titqies bhala estensjoni tar-residenza ordinarja. Ara "Gio Maria Agius –vs- Angela Gauci Borda", Appell, Sede Inferjuri, 13 ta' Jannar 1992 u "Maria Buhagiar et –vs- Alfred Abela", Appell, Sede Inferjuri, 5 ta' Mejju 1989*[70]*.*

Fis-sentenza **Joseph Caruana et vs Amelia Emanuela Ruggier et** (App. Civili – Ghawdex Nru. 2/1996/1) deciz mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Lulju 2004 per Onr. Imhallef Philip Sciberras gie elaborat x' ghandhom ikunu il-kunsiderazzjonijiet ghar-ripresa ta' fond, inkluz dik ta' villeggatura bil-mod segwenti:

[69] Pagna 6 u 7.
[70] Pagna 8.

*1. Ibda biex huwa pacifiku li l-ligi li tirregola l-Kera (Kap 69) ma teskludiex mid-disposizzjonijiet taghha l-kiri ta' post ta' villeggjatura (Kollez. Vol XXXVI pI p94). Ghalhekk "dar ta' villeggjatura ghandha tigi konsidrata, fin-nuqqas ta' eskluzjoni espressa tal-ligi, bhala li taqa' taht il-kliem "dar ta' abitazzjoni" uzati fl-art. 2 tal-Kap 69" – "Carmelo Cioffi -vs- Sammy Darmanin", Appell, Sede Inferjuri, 6 ta' Mejju 1986;*

*2. Fil-parti rilevanti tieghu l-Art 9(b) tal-imsemmi Kap 69 jikkontempla r-ripreza ta' pussess mil-lokatur meta hu jehtieg il-fond ghalih innifsu jew ghall-axxendent jew dixxendent tieghu mid-demm jew bi zwieg, jew ghal huh jew ohtu;*

*3. In linea ta' massima generali biex jirriprendi pussess tal-fond, kompriz allura dar ta' villeggjatura, sid il-post irid jipprova grad ragonevoli ta' bzonn biex jirriprendih ghall-oggett li ghalih ghamel it-talba (Kollez. Vol. XLVII pI p70). Mhux semplici xewqa jew preferenza (Kollez. Vol. XLVI pI p254), u lanqas li jkun bzonn ivvintat jew kapriccjuz ("Joseph Borg -vs- Josephine Breckon", Appell, 24 ta' Jannar 1997);*

*4. Il-piz tal-prova ta' dan il-bzonn hu fuq is-sid li jehtieg juri mhux biss li qed jagixxi in buona fede imma anki illi hu ghandu bzonn li jirriprendi pussess tal-fond (Kollez. Vol. XLVII pI p299). Anke jekk mhiex mehtiega li tigi provata necessita` assoluta pero` dejjem hu mehtieg il-prova tal-veru bzonn ("Yolanda Camilleri -vs- Francesco Saverio Fava", Appell, 18 ta' Marzu 1974). Ukoll, kif ritenut, fil-kaz ta' fond ta' villeggatura, dan il-bzonn jista' jkun fi grad anqas milli fil-kaz ta' kirjiet ta' residenzi ordinarji ("Anthony Cauchi et –vs- Joseph Bartoli et", Appell, 2 ta' Gunju 2000);*

*5. Jinsab insenjat b'illustrazzjoni tal-bzonn illi l-fatt li familja ghandha bzonn ta' villeggjatura ghaliha jew ghal-membri tal-familja huwa bzonn ragonevoli li jintitola lis-sid f'kazijiet normali u fil-maggoranza tal-istess biex jirriprendi pussess ("Amalia Murgo et -vs- Agostino Agius et", Appell, 30 ta' April 1997). Dan jikkombacja mal-osservazzjoni illi "sid ta' post mikri li jkun uzat ghall-villeggjatura ghandu jkun preferit ghall-inkwilin, u kwindi f'kondizzjonijiet pari, s-*

*sid ghandu dritt jiehu l-post ghallvilleggjatura tieghu" (Kollez. Vol. XXXIII pI p178).*

*6. Biex ma jkunx hemm lok ghal din il-preferenza jenhtieg li l-kaz ikun tassew gravi u prattikament insolvibbli b'mod iehor, biex l-inkwilin, li juza l-post ghall-villeggjatura, jigi antepost ghas-sid, li genwinament ghandu bzonn il-fond, partikolarment meta jkollu bzonnu bhala residenza permanenti ("Falzon -vs- Turban", Appell, 4 ta' Gunju 1971). 7. Jirrizulta li t-tribunali ma akkordawx lis-sid ir-ripreza ta' fond ta' villeggjatura meta fil-kwadru ta' cirkostanzi eccezzjonali nstab li d-dar ta' residenza ordinarja tal-inkwilin ma tikkostitwiex "suitable alternative accomodation" minghajr il-fond ta' villeggjatura (Ara "Caruana noe -vs- Casaletto", Appell, 2 ta' Gunju 1970; "Emanuel Schembri -vs- Joseph Cefai", Appell, 17 ta' Mejju 1971).*

*Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt huwa bil-wisq logiku illi r-ricerka primarja li trid issir mill-ezami tal-fatti hi dik biex jigi stabbilit jekk ir-rikorrenti appellati ssodisfawx bi prova kredibbli u attendibbli l-estrem tal-bzonn li l-appellanti jissoktaw jikkontestawlhom anke f'din is-sede.*

Fil-kawza **Dr. Edgar Ellul M.D. vs Francesca Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fit- 30 ta' Gunju 1947 per is-Sinjorija Tieghu il-Prim' Imhallef Sir G. Borg u l-Imhallfin Prof. Dr. E. Ganado u Dr. L.A. Camilleri gie ritenut hekk dwar il-bilanc ta' interessi bejn is-sid u l-inkwilin fuq fond ta' villeggatura.

*Is-sid ta' post mikri li jkun uzat ghal villeggatura ghandu jkun preferit lill-inkwilin u ghalhekk f' kondizzjoni pari s-sid ghandu d-dritt jiehu l-post ghall-villeggatura tieghu.*[71]

Fil-ktieb *Massimarji tal-Imhallef Philip Sciberras, Dritt Sostantiv, L-Ewwel Parti, It-Tieni Volum* per Onorevoli Imhallef Grazio Mercieca imbghad insibu:

[71] Fuq l-istess linja insib is-sentenza **Carmelo Portelli vs Giuseppe Abela** deciza mill-Qorti tal-Appell fil- 5 ta' Mejju 1952 per is-Sinjorija Tieghu il-Prim' Imhallef Dr. L.A. Camilleri u l-Imhallefin A.J. Montanaro u T. Gouder.

*Predominanti, pero' 'il bzonn irid ikun ragonevoli u mhux rizultat ta' xi pretest jew kapricc da parti mis-sid' (**Carmelo Aquilina vs Joseph Baldachino**, Appell, 21 ta' Ottubru 1988)……Zgur li ma kellux ikun wiehed ivvintat ghax, altrimenti kif inghad fl-estratt mis-sentenza (**Mercieca vs Saliba**) ….. fl-assenza ta' din il-genwinita' anke jekk trattasi minn fond ta' villeggatura, din il-Qorti ghandha issostni t-tezi tal-appellant inkwlin u mhux il-versjoni ta' sid il-fond.'*[72]

**Ikkunsidra:**

Fuq il-kwistjoni tal-prova tal-ircevuta it-taghlim gurisprudenzjali jista' jinghad li jimxi f'direzzjoni wahda ossija li l-ircevuta ghandha piz fuq x'tip ta' kirja hemm u dan meta din tkun maghduda ukoll ma' provi indizzjarji ohra. Fil-kawza **Paola Pace et vs Emanuel Bugeja et.** (App Inf. Nru. 76/2013/1 LM) deciz fis- 6 ta' Ottubru 2021 per Onorevoli Imhallef Lawrence Mintoff intwqal itqal is-segwenti:

*'L-aktar prova evidenti tal-użu li għalih dan il-fond inkera, huwa l-kliem li jintuża fuq l-irċevuti tal-ħlas, li sa minn diversi snin ilu kienu jispeċifikaw li l-flus kienu qegħdin jiġu aċċettati bħala 'qbiela'. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ewwel aggravju tal-appellanta mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.*

………………………………………………………………………………
…………………

*Il-Qorti tqis li l-aqwa prova li għandha quddiemha, fin-nuqqas ta' skrittura lokatizja jew ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, hija l-irċevuta tal-qbiela u d-diversi indizji oħra li jindikaw li din hija kirja agrikola.'* [73]

………………………………………………………………………………
……………………

[72] Pagni 937-938.
[73] Pagna 17.

*'Ladarba hija l-appellanta li qiegħda tinsisti li dan il-fond inkera għal skopijiet ta' negozju, għandha tkun hi li tipprova li dan kien l-iskop tal-kirja.'* [74]

Aktar minn hekk dwar opposizzjoni ta' deskrizzjoni ta' fond fuq ircevuta ta' hlas fis-sentenza **Josette Pisani vs Mario u Molly Dingli et** (Rikors Nru. 28/99) deciza mill-Qorti tal-Appell (Appell mill-Bord li Jirregola il-Kera) fis-26 ta' Ottibru 2001 per Onorevoli Imhallef Joseph A. Filletti intqal is-segwenti:

*'L-intormissjoni minn naha tan-nutar Michael Dingli li hass li kellu jzid il-kelma 'store' f' wahda mill-ircevuti- u l-oppsizzjoni u reazzjoni immedjata da parti tas-sid- juri b' mod inkonfondibbli kemm il-kirja de quo kienet ta' garaxx ghall-uzu ta' karozza.'*[75]

**Ikkunsidra:**

Il-Bord huwa rinfaccat f'zewg verzjonijiet fejn ir-rikorrenti isostnu li l-fond gie mikri bhala villeggatura u li tal-anqas fl-ahhar snin dejjem rawh maghluq u abbandunat. Minn naha l-ohra l-intimati isostnu li dan inkera bhala id-dar residenzjali taghhom u huma jiffekwentawh spiss tant hu hekk li Lawrence Theuma, iben Joseph Theuma, jghix hemm mal-familjari tieghu.

F'tema ta' kunflitt ta' provi inghad is-segwenti fil-kawza **Mary Rose Caruana et vs Gorg Cardona et (Rik. Gur. 713/2015 RGM)** deciz mill-Prim' Awla tal- Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2020 per Onorevoli Imhallef Robert G. Mangion:

*Fejn ikun jezisti konflitt ta' provi bhala fil-kaz odjern, il-gurisprudenza nostrana tghallem illi hafna drabi l-qrati jkunu rinfaccati b' verzjonijiet opposti ghal xulxin- meta kawza tkun ikkontestata fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-ligi, x' aktarx li ser ikun hemm verzjonijiet konfliggenti, l-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran sedenti fil- Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 1966 irritjena li:*

[74] Pagna 18.
[75] Pagna 14 u 15. Sottolinejar tal-Bord.

*'Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f' dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddecidi b' kuxejenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal- in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghalih. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m' ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohrra, anke fuq bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn f' kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant….. anzi, f' kazijiet bhal dawn, akatr ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' ta' qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti.'*

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-2 ta' Gunju 2003 fis-sentenza fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance plc noe vs Victor Sammut*** irriteniet illi:

*'Anzi f'kaz ta' konflittwalita' l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex propju taccerta ruhu jekk xi wahda miz-zewg verzjionijiet possibbli ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabiltajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi.'*

Din il-Qorti diversament preseduta fid-decizjoni **Dr. Elizabeth Vella M.D. vs Bieb Bieb Limited et (Cit Nru. 2141/2000GC)** fid-9 ta' Dicembru 2011 kompliet tissenjala li:

*'Ghalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f' din il-kawza ghandu jigi esaminata liema wahda mit-tezijiet konfligenti hi l-aktar kredibbli. Ghandu jigi ezaminat jekk xi wahda mill-versjonijiet li allura jista' jinghad li hi korroborata. Ghandu jigi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal ghall-konkluzjoni*

*liema verzjoni tirrispekkja r-realta' tal-fatt, u kwindi ghandha tigi accettata bhala dik veritiera u attendibbli.'*

Fis-sentenza **fl-ismijiet Frank Giordimaina Medici et vs William Rizzo et.** (Cit. Nru. 984/1994NC) deciza fit-28 t' April 2004 il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet:

*In tema legali jigi osservat li huwa principju fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibli dan jiffaforixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cachia et- 22 ta' Novembru 2002)***'**

Fis-sentenza **Perit John M. Gambin vs Fithome Ltd.** (Cit. Nru. 1672/1998) deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-6 ta' Mejju 2011 intqal illi:

**'***Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilita', konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bazi ta' bilanc ta' probabiltajiet li huma sufficjenti f' kawza civili***.'**[76]

Dwar il-kredibilita' tax-xhied kien intqal is-segwenti fis-sentenza **Reverendu Sacerdot Don Francesco Zammit et vs Avukat Dottor Anthony Farrugia et** deciza mill-Qorti Kummercjali nhar fil-31 ta' Marzu 1967 per is-Sinjurija Tieghu Professur Sir Anthony Mamo flimkien mal-Imhallfin Professu J. J. Cremona u J. Flores:

*'Il-kredibilita' ta' xhud in generali tiddependi mix-xjenza tieghu, jigifieri li ma jkunx irid iqarraq'*

**Ikkunsidra ulterjorment:**

[76] Pagna 13 sa 15. Ra ukoll **Charles Azzopardi vs P.S. 201 Sandro Magro et.** (Citazzjoni Nru. 222/96 MCH) deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Gunju 2016 per S.T.O. Prim Imhallef Silvio Camilleri flimkien mal-Imhallfin Tonio Mallia u Joseph Azzopardi, pg. 20-21; **Maureen Wood vs John Attard** (Rikors Nru. 22/06 JVC) deciz mill-Qorti tal-Appell nhar it-23 ta' Novembru 2020 per S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcutiflmikien mal-Imhallfin Joseph R. Micallef u Tonio Mallia, pg. 19; **Pio Le Brun et vs David Brydon** (Citazzjoni Nru. 315/2011) deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla nhar id- 9 ta' Lulju 2014 per Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi, pg. 10.

Il-Bord iqis illi f'dan l-istadju ghandu jigbed dawn l-osservazzjonijiet u konkluzzjonijiet li johorgu mill-atti processwali:

1. Fis-snin sebghin, meta inkera il-fond, ix-Xghajra kien destinazzjoni primarjament ta' villeggatura u kien biss wara is-snin disghin li sar ghal xi uhud post fejn jabitaw is-sena kollha;

2. Joseph u Concetta Theuma kellhom ir-residenza ordinarja taghhom fil-Fgura tant hu hekk li barra il-provi l-ohra kollha li jwasslu ghal tali konkluzjoni, ir-registru elettorali juri dan;

3. Lawrence Theuma u il-familja tieghu kienu qed juzaw dan il-fond bhala ir-residenza ordinarja taghhom il- fond *de quo*. Il-provi huma b' sahhithom f' dan is-sens u anki ir-registru elettorali juri dan. Dan kienu qed jaghmluh minghajr il-kunsens espress jew tacitu tas-sidien;

4. Il-fond mertu tal-kawza huwa post zghir u allura hu verosimimili li inbena u jintuza ghall-villeggatura jew min min ghandu problemi socjali u ma ghandux post iehor aktar komdu. Hekk jidher li gara f' dan il-kaz. Infatt kollox jindika li Joseph u Concetta Theuma ghaddew dan il-fond biex jghix binhom Lawrence Theuma flimkien ma' uliedu;

5. Ma jirrizultax li l-ircevuti mahruga mis-sidien kienu ikkontestati matul is-snin. Bdew jigu ikkontestati fil-mori tal-kawza u b' mod aktar lampanti permezz tal-kawza konnessa fl-ismijiet inversi;[77]

6. Johrog car u gie ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi civili li il-fond *de quo* huwa tar-rikorrenti u l-uzufrtttwarju hu Patri Felicjan Bezzina u allura dawn ghandhom interess guridiku fil-kawza;[78]

---

[77] 50/2017 JD quddiem l-istess Bord kif presedut.

[78] Ara l-ewwel eccezzjoni tal-intimati Theuma.

7. Johrog b' mod car li l-usufruttwarju u is-sidien eredi ma ghandhomx post ta' villeggatura ohra ix-Xghajra jew x' imkien iehor u allura dan huwa l-unika post accessibbli ghalihom biex jirrikrejaw ruhom u jirrilassaw 'l boghod mir-residenzi ordinarji taghhom.

Il-Bord wara li analizza il-provi li ghandu quddiemu jemmen li l-verzjoni li taw ir-rikorrenti matul il-proceduri kienet aktar konsisteni u verosiminili. Min prezentement jabita fil-fond b' mod permananeti jew temporanju meta gie biex jixhed quddiem dan il-Bord lanqas biss setghu jaqblu bejniethom min ezattament jiffrekwenta dan il-fond. Min jghid hames persuni, min jghid tmienja, min jghid haga u min jghid ohra. Anki bejn il-frekwenza tal-inkwlini originali ossija Joseph Theuma u Concetta Theuma, il-prezenza taghhom fil-fond qabel ma bdiet il-kawza hija serjament in dubbju. B'hekk il-Bord jaghti aktar affidament u kredibilita' fl-assjem taghhom lix-xhieda migjuba mir-rikorrenti.

Lanqas ma hija skuza li wiehed ma jafx jaqra u jikteb meta jiehu ircevuta minghand terzi. Joseph Theuma u aktar tard ibnu Lawrence Theuma li milli jidher huwa persuni ta' livell baxx ta' skola kellhom jivverifikaw dak li inhargilhom bhala ircevuta. Hekk kienu jaghmlu fuq affarijiet ohra bhal ittri li jircievu, din il-prova fl-ahhar mill-ahhar gabuha huma stess li kienu jinqdew b' terzi biex jispjegawlhom il-miktub. L-ircevuti bil-kelma villeggatura fuqha inhargu matul zmien twil u kien jispetta lilhom li fil-pront jiehdu dawk il-mizuri necessarji jekk riedu jikkawtelaw ruhom u mhux jaghmlu dan fil-mori ta' din il-kawza jew b'kawza parallela snin wara li infethet din il-kawza! Jekk verament kienu traskurati f'dan l-aspett allura issa jridu jgorru l-piz ta' din it-traskuragni u non-kuranza grassa.

**Il-Bord jemmen li il-fond *de quo* fis-sebghinijiet u tmeninijiet kien qed jintuza bhala villeggatura minn Joseph u Concetta Theuma u l-familjari taghhom u wara li kiber Lawrence Theuma u kellu l-familja dan tal-ahhar beda juzah bhala ir-residenza ordinarja tieghu. B'hekk il- fond ma baqax aktar**

**jintuza bhala fond ta' villeggatura minn Joseph u Concetta Theuma ghalkemm mhux eskluz li kienu jinzlu hemm ghal ftit jiem fis-sena. B'hekk Joseph u Concetta Theuma *de facto* qatt ma uzaw il-fond bhala residenza ordinarja taghhom u maz-zmien bidlu d-destinazzjoni tal-fond minn wiehed purament ta' villeggatura ghar-residenza ordinarja ta' binhom Lawrence u tal-familjari tieghu u dan minghajr il-kunsens tas-sidien li min ghalihom kien ghandu jintuza bhala villeggatura u wara il-kambjament fil-ligi f'Gunju 2010 rieduh ghalihom.**

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati Theuma u jiddikjara u jiddeciedi billi jilqa' it-talba tar-rikorrenti ghar-ripresa tal-fond **'Blue Spot' Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Xghajra** u ghall-fini ta' zgumbrament jordna li l-intimati jizgumbraw mill-fond mertu ta' din il-procedura fi zmien **<u>xahar</u>** mill-lum.

**Inoltre il-Bord jordna li kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga jekk hemmx lok li jittiehdu passi kriminali fil-konfront ta' Lawrence Theuma, Amelia Teresa Whitelaw, Dale Theuma Whitelaw u Olanda Theuma Whitelaw in rigward ta' xhieda falza li huma taw quddiem dan il-Bord.**

Spejjez ta' dawn il-proceduri huma kollha a karigu tal-intimati.

(ft) Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.

(ft) Iamin Guarracino
Deputat Registratur